MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 400/2010

**Ivan Mallia**

**Vs**

**Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar l-14 t’Ottubru 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-

“ Illi l-esponent jirrileva li t-talbiet ta’ l-Awtorita’ mittenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-somma ta’ €279.53 m’huwiex dovut lill-Awtorita’, izda se mai lill-Kunsill Lokali fejn saru l-allegati kontravenzjonijiet. Tali multi jistghu jithallsu ghand l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta, izda mhux dovuti lilha.

Illi ulterjorment il-vettura KAQ 132 kienet giet trasferita lil terza persuna u b’hekk l-esponent m’ghandu jhallas l-ebda somma lill- Awtorita’ mittenti.”

Ghaldaqstant talab lil “din il-Qorti tirrendi l-ittra ufficcjali fuq indikata numru 3881/2010 esekuttiva”. Jinghad li r-

rikorrent mill-korp tal-premessi ried jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-ittra ufficcjali fuq imsemmija "ma tigix reza esekuttiva" .

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Ottubru 2010 fejn kienet ordnat in-notifika tar-rikors tar-rikorrenti lill-kontro-parti w appuntat dan l-istess rikors ghas-smiegh ghal nhar is-7 ta' Dicembru 2010.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ntimata kif prezentata fl-atti nhar id-29 t'Ottubru 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.
2. Fit-tieni lok ir-rikors odjern qieghed isir taht l-Artikolu 57 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond is-sub artikolu (5) ta' l-istess Artikolu, r-rikorrent kellu jindika x-xhieda li bi hsiebu jipproduci b'sustenn tat-talba tieghu. Lista tax-xhieda ma hemmx ma' dan ir-rikors u ghalhekk b'konsegwenza naturali ta' dan l-ebda, qieghed jigi umilment sottomess illi ebda, xhieda ma tista' titressaq f'dan il-kaz mir-rikorrenti.
3. Illi fil-mertu, jinghad fl-ewwel lok, li l-Awtorita' intimata indikat l-ammont dovut bhala kontravenzjonijiet sabiex ir-rikorrenti jigi mwissi li hemm dan l-ammont dovut. Dan l-ammont, minn qari akkurat ta' l-ittra ufficcjali kontestata bir-rikors odjern, ghandu jirrizulta li ma huwiex jigi mitlub mill-Awtorita' intimata taht id-disposizjonijiet tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 65. Kull ammont migbur mill-Awtorita' intimata bhala kontravvenzjonijiet jinghataw mill-ewwel lill-Kunsill Lokali kif jigri s-soltu. L-unika haga li qieghda tintalab mill-Awtorita' intimata bil-procedura adoperata minnha huwa dak li taghtiha dritt il-ligi ghaliha u cioe' d-dritt tal-licenzja u dan a tenur ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk dak li allega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment.
4. Fit-tieni lok, r-rikorrenti jammetti li *"l-vettura KAQ 132 kienet giet trasferita lil terza persuna u b'hekk l-esponent m'ghandu jhallas l-ebda somma lill-Awtorita' mittenti"*. Skond ma jirrizulta mill-file ta' l-Awtorita' ntimata, r-rikorrenti ma ta l-ebda avviz, kif rikjest mil-ligi, ta' dan it-

trasferiment/bejgh kif lanqas ma ta l-licenzja relattiva sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tat-trasferiment/biegh. Konsegwentement, skond il-ligi (Artikolu 26 tal-Kap 65), ir-rikorrenti ghadu responsabbli legalment ghal-licenzji dovuti.
5. L-obbligu li jinghata l-avviz kien fuq ir-rikorrenti w fuq hadd izjed."
Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet rikorrenti kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.
Rat il-verbal taghha tas-7 ta' Dicembru 2010 fejn ir-rikorrenti ma deherx, u deher ir-rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta u l-kawza giet differita ghas-7 ta' Frar 2011 peress li kienet kontestata.
Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2011 minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ma deherx ghalkemm dehru l-avukat tieghu u l-avukat tal-Awtorita' ntimata. Rat dak li gie verbalizzat fis-sens li r-rikors gie differit ghad- 9 ta' Marzu 2011 ghall-provi tar-rikorrenti w tal-Awtorita' ntimata, bl-intendiment li wara tmur ghas-sentenza.
Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 2011 minn fejn jirrizulta li ghal darb' ohra r-rikorrent ma deherx. Dehru l-avukati tal-partijiet u Brian Farrugia ghall-Awtorita konvenuta.
Semghet lil Brian Farrugia jixhed ghan-nom u fl-interess tal-Awtorita' ntimata w jikkonferma li l-vettura KAQ 132 tghajjat lill-attur Ivan Mallia w ilha hekk registrata f'ismu sa mis sena 2002. Jghid li r-rikorrenti ghandu arretrati ta' licenzji xi jhallas fuq din l-istess vettura u ghalkemm interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti. Ix-xhud spejga li huwa kien qed ifittex lill-attur fuq din s-somma rapprezetanti arretrati ta' hlas ta' licenzji fuq il-vettura u mhux qed jitlob il-hlas tal-penali taz-zewg Ewro (€2) kuljum f'dan l-stadju. Ix-xhud spjega li nonostante li r-rikorrenti qed jghid fir-rikors tieghu li huwa biegh il-vettura mertu tar-rikors odjern lil terz, huwa qatt ma baghat jinforma lill Awtorita' dwar dan il-bejgh, ghalkemm l-obbligu li jaghti dan l-avviz jaqa' fuq ir-r*egistered owner*.

Ikkunsidrat:

Illi bhala fatt jirrizulta anke fuq ammissjoni tar-rikorrent stess fir-rikors promoter, li ilu ma jhallas il-licenjza tal-vettura targata KAQ 132. Jirrizulta mill-istess rikors promotur li huwa kien biegh l-istess vettura lil terz. Illi r-rikorrent ma deher qatt f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma xehdx u din il-Qorti ghalhekk trid toqghod fuq dak li qal l-istess rikorrenti fir-rikors promotur tieghu kif ukoll fuq dak li xehed ix-xhud tal-Awtorita' ntimata Brian Farrugia.

Ir-rikorrent fir-rikors tieghu donnu ma fehemx dak li kienet qed titlob l-Awtorita' rikorrenti, ghaliex fil-fatt hija mhix qed titlob li r-rikorrenti jigi kkundannat ihallas il-kontravenzjonijiet li gie kkundannat ihallas, u lanqas ma gie mistoqsi sabiex ihallas il-penali ta' zewg Ewro (2) kuljum talli ma hallasx l-iskadenzi tal-licenzji, izda gie mitlub sabiex ihallas l-iskadenzi tal-licenjza *sic et simplicite*.

Sabiex issahhah it-talba taghha kif kontenuta fl-ittra ufficcjali prezentata minnha kontra r-rikorrent, liema ittra ufficcjali qed tigi kontestata, l-Awtorita' ntimata ressqet bhala xhud lil Brian Farrugia in rappresentanza tat-Transport Malta, w dan ikkonferma li fis-sena 2002 il-vettura numru ta' registrazzjoni KAQ 132 kienet registrata f'isem ir-rikorrent u minn Dicembru 2002 'il quddiem huwa ma hallas l-ebda licenzja fuq din l-istess vettura.

Mistoqsi jekk kienx gie mgharraf b'dan l-allegat bejgh lil terz imsemmi mir-rikorrent fir-rikors tieghu, ix-xhud iwiegeb fin-negattiv.

Issa skond l-Artikolu 26 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull persuna imsemmija fuq il-licenzja bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenzja, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenzja ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrent ghandu f'ismu l-licenzja tal-vettura, dan ifisser li huwa r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk jibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma jkun ittrasferixxa l-ebda jedd tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 57 (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

*"Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti."*

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz huwa ir-rikorrent stante li huwa r-*registered owner*, huwa responsabbli civilment ghall-hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3881/10 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.**

**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3881/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------